# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 21 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**
**(Spettur Jonathan Pace)**

**vs.**

**Carlos Alberto Patino Herrera**
**detentur ta' passaport Kolombjan bin-numru AX102282**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Carlos Alberto Patino Herrera, 24 sena, iben Jose Alberto Patino u Maria Esgenia Herrera, mwieled Colombia, nhar l-20 ta' Ottubru 1998, residenti gewwa Bayview apartments flat 7, Triq Birkirkara San Giljan u detentur ta' passaport Kolombjan bin-numru AX102282** akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Novembru 2022 u anka matul ix-xhur ta qabel :

**1.** Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam Kellu fil-pussess tieghu 'droga' u/jew 'sustanza psikoattiva gdida' hekk kif definita fl-artikolu 118A (1) tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta w dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta **(ecstasy)** minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3. Kellu fil-pussess tieghu ‘droga’ u/jew ‘sustanza psikoattiva gdida’ hekk kif definita fl -artikolu 118A (1) tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta w dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta **f’tali cirkustanza li juru li ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghek**;

4. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta **(ecstasy)** minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, **liema medicina nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu**;

5. Kellu fil-pussess tieghu ‘droga’ u/jew ‘sustanza psikoattiva gdida’ hekk kif definita fl -artikolu 118A (1) tal- Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta w dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta **(ecstasy)** minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Rat l-Ordni ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (Dok JP 1).**

**Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.**

Semgħet, waqt is-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Novembru 2022, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħethu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu bizzejjed żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat u dan fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat fejn gie suggerit li l-piena ghandha tkun fil-minimu.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "JP 2"), l-ammissjoni bikrija tiegħu, l-ammont ta' droga misjuba, s-sottomissjonijiet maghmula quddiem il-Qorti mill-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena u kif ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 40A, 118A(1), 120A (1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat fuq ammissjoni ssib l-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' hames mitt Euro (€500).

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma jirriżultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proċeduri.

In konkluzzjoni l-Qorti qeda tordna d-distruzzjoni tas-sustanza llecita esebita f'dawn il-proceduri hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirrediegi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. NOEL BARTOLO**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**21 ta' Novembru 2022**